MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF

## ANTHONY ELLUL

Seduta tal-25 ta' Gunju, 2015

Appell Civili - Ghawdex Numru. 1/2014

**Marita Grech**

**Vs**

**John Gauci**

Il-kaz jitratta dwar incident tat-traffiku li sehh fl-15 ta’ Dicembru 2011 gewwa Triq Dun Guzepp Grima, Fontana, Ghawdex bejn il-vettura bin-numru AUG 081 misjuqa mill-appellanti u l-vettura bin-numru ABG 862 misjuqa mill-appellat. Bhala danni l-appellanti tippretendi s-somma ta’ €1,232.91.

Sar arbitragg u fil-21 ta’ Ottubru 2014 inghatat id-decizjoni mill-arbitru li kkonkludiet li l-incident sehh tort ta’ Marita Grech u ghalhekk l-appellat ma kienx responsabbli ghall-incident. L-arbitru kkonkludiet li l-incident sehh meta l-vettura misjuqa mill-appellanti baqghet diehla fuq il-parti ta’ wara tal-vettura li fiha kien hemm l-appellat.

L-appellanti appellat. L-aggravji huma li:-

1. L-arbitru ma kkunsidratx dak li xehedet Marion Mercieca, li tikkorabora dak li qalet l-appellanti li *"…. Fil-verita tabilhaqq kienet gejja vettura mid-direzzjoni opposta….. Ix-xhud Mercieca ssemmi ghalhekk li l-vetturi li kienu gejjin mid-direzzjoni opposta ma setghux jghaddu"* (fol. 2).
2. L-appellat kien qieghed fil-vettura wieqfa jistenna lill-gharusa tohrog mill-post tax-xoghol. Kienet l-obbligazzjoni tal-appellat li ma jimblukkax it-traffiku.
3. Il-vettura tal-appellanti kienet wieqfa u kien l-appellat li rriversja u baqa' diehel fuq il-parti ta' wara tal-vettura tal-appellanti. Manuvra li ghamel ghaliex kienet gejja vettura mid-direzzjoni opposta li ma setatx tghaddi.

L-appellat ipprezenta twegiba (fol. 91) fejn ta r-ragunijiet ghalfejn id-decizjoni tal-arbitru ghandha tigi kkonfermata.

Il-qorti semghet it-trattazzjoni.

Il-qorti tosserva:-

1. Kuntrarjament ghal dak li allegat l-appellanti, m'huwiex minnu li x-xhud Marion Mercieca qalet li mill-karreggata l-ohra kienet ghaddejja vettura u li minhabba li kien hemm trukk ipparkjat f'dik il-karreggata u minhabba l-vetturi tal-kontendenti, ma setatx tghaddi. Ghalkemm ikkonfermat li *"[….] karozzi li gejjin minn faccata ma setghux ighaddu jekk xi hadd ma jiccaqlaqx"*, qatt ma qalet li fil-karreggata fejn kien hemm it-trukk ipparkjat kienet ghaddejja vettura. Fil-fatt qalet: *"X'hin jiena hrigt* ***ma nafx*** *jekk kienx hemm xi karozza ohra apparti dik ta' l-gharus u dik tar-rikorrenti, oltre t-trukk ipparkjat"* (enfazi mizjuda).

2. Il-kontendenti taw verzjonijiet totalment opposti ghal xulxin. Fir-rapport tal-incident jinghad li:-

   (a) L-appellanti qalet – *"Jien inzilt b'lura minn Triq is-Sajjieda u gie pick-up dahal go Triq San Guzepp Grima. Dan waqaf quddiem tal-haxix u jien waqaft warajh u giet vettura minn quddiemu u dan gie b'lura minghajr ma hares lura u dahal go fija"*.
   (b) L-appellat qal – *"Jiena waqaft biex titla' l-gharusa u giet vettura minn wara u ma hassejt xejn u smajt mara toffendini"*.

3. L-arbitru ma emmnitx il-verzjoni li tat l-appellanti wara li osservat:

   i. L-appellanti qalet li kienet damet 8 minuti tistenna wara l-vettura tal-appellat minghajr ma daqqet il-horn. L-arbitru qalet li ma temminx li l-appellata kienet daqstant pacenzjuza minghajr ebda reazzjoni.
   ii. M'huwiex verosimili li ghaddew 8 minuti minghajr ebda karrozza ma kellha bzonn tghaddi mill-unika karreggata li hemm.
   iii. L-appellat kien jinduna li ghandu karozza warajh ghal dak il-hin kollu, meta tqies li kien bil-lejl u ghalhekk id-dwal tal-vettura tal-appellanti kien mixghul.
   iv. Kieku l-appellat kien irriversja l-vettura ghal fuq il-vettura tal-appellanti, il-posizzjoni taz-zewg vetturi kienet tkun differenti. F'dak ix-xenarju l-vettura tal-appellat kienet tispicca tmiss ma' dik tal-appellanti. Kompliet tghid *"Gialadarba ….. iz-zewg vetturi spiccaw xi ftit 'il boghod minn xulxin, certament illi kienet il-vettura tar-rikorrenti illi* ***habtet fil-vettura tal-intimat propju fil-hin illi huwa kien ser jieqaf*** *fit-triq in kwistjoni – tant illi huwa ntebah bir-rikorrenti tghajjat ftit sekondi wara illi dahal fit-triq u waqaf, kif xehed l-intimat. Effettivamet jidher illi dak illi gara kien illi l-intimat dahar ghal got-triq in kwistjoni u naqqas sabiex jieqaf; ir-rikorrenti dahret warajh u habtet fil-parti ta' wara tal-vettura tieghu – izda peress illi l-karozza tar-rikorrenti hija ckejkjna b'paragun mal-vann tal-intimat, dan bil-kemm hass id-daqqa u* ***kien biss x'hin waqaf*** *kif kien diga' intenzjonat illi jaghmel sabiex jigbor lit-tfajla illi huwa ntebah illi kien sehh l-impatt meta r-rikorrenti gibditlu l-attenzjoni"* (enfazi mizjuda).

4. Il-qorti ma taqbilx mal-fehma tal-arbitru li 'l fatt li fir-ritratti l-vetturi ma jidhrux imissu ma' xulxin, ifisser li l-habta grat fil-hin li l-appellat kien ser jieqaf. L-appellat xehed li hu kien wieqaf bil-handbrake mtella'. Fil-fatt in ri-ezami qal:

   *"Il-vann hassejtu jintrefa' ftit 'il fuq. F'dan il-hin, jiena kont bil-handbrake imtella' nistenna t-tfajla".*

   Mela l-arbitru ghamlet konkluzjoni li ma taqbilx mal-verzjoni li ta l-appellat. M'hemmx prova li fil-hin tal-incident il-vettura tal-appellat kienet ghadha *in motion*. Ghalhekk il-konkluzjoni tal-arbitru m'hijiex sorretta mill-provi.

   Il-qorti tosserva wkoll li bazat fuq il-verzjoni tal-appellat, ukoll jekk kienet il-vettura tal-appellanti li baqghet diehla fuq il-parti ta' wara tal-vettura tal-appellat, il-vetturi kienu jispiccaw imissu ma' xulxin.

   Hadd mill-partijiet ma qal li wara l-impatt xi hadd minnhom caqlaq il-vettura tieghu. F'dan ir-rigward ma giex spjegat kif hemm d-distanza li hemm bejn iz-zewg vetturi (ara ritratti u skizz tal-warden li nvestiga l-kaz). Dan ma kienx xi kaz ta' mpatt vjolenti. Fic-cirkostanzi l-indikazzjoni hi li xi hadd mill-partijiet

caqlaq il-vettura wara li sehh l-impatt. Il-qorti ma tistax tispjega mod iehor id-distanza li hemm bejn iz-zewg vetturi.

5. Min-naha l-ohra l-qorti hi tal-fehma li minkejja dak li nghad hawn fuq jibqa' stat ta' incertezza u dubju. F'tali cirkostanzi t-talbiet tal-appellanti ma jistghux jintlaqghu gialdarba l-oneru tal-prova kien fuqha. Il-qorti tosserva li:-

i. l-appellanti qalet li kienet ilha wieqfa madwar tmien minuti wara l-vettura tal-appellat. Il-qorti taqbel mal-arbitru, li matul dak il-hin kollu m'huwiex verosimili li l-appellat ma kienx ser jinduna bil-vettura tal-appellanti warajh u jaghmel manuvra ta' reverse ghal fuq il-vettura tal-appellanti;

ii. l-appellanti xehedet li kien hemm min ra l-incident. F'dan ir-rigward semmiet lil Charles Attard u qalet: *"…. kien fil-hanut tieghu fil-mument tal-incident u ra l-incident jissuccedi"*. Ghalkemm harrkitu biex jixhed, fis-seduta tat-13 ta' Mejju 2013 inspjegabilment qalet li qeghda tirrinunzja ghal dan ix-xhud. Il-verzjoni taghha baqghet mhux korraborata. Kien fl-interess taghha li tharrek xhieda okulari. L-oneru tal-prova tar- responsabbilta' kien fuq l-appellanti.

iii. fl-aggravju l-appellanti qalet li meqjus li dahlet vettura mill-faccata: *"…bil-konsegwenza li l-karreggata kienet ostakolata kif irrizulta mill-provi kif prodotti, l-uniku manuvra plawsibbli kellha tkun dik illi l-vettura tal-intimat titregga lura".*[1] Pero' l-appellat cahad li kien hemm vettura gejja mill-faccata tieghu u l-gharusa tieghu qalet li ma tiftakarx. F'dan ir-rigward m'hemmx xhud jew xi prova ohra li tikkorabora l-verzjoni tal-appellanti.

iv. l-appellanti qalet li bejn il-vettura taghha u dik tal-appellat kien hemm distanza ta' xi hames piedi. Jekk l-appellat irriversja ghal dik id-distanza, kif ma ghafsitx il-horn. Dik hi l-ewwel reazzjoni li jkollu xufier u mhux li jghaddilu minn mohhu li jirriversja, kif qalet l-appellanti.

v. Jekk verament giet vettura minn faccata, x'kienet il-htiega li l-appellat jirriversja biex johrog minn Triq Dun Guzepp Grima ? Kull ma kellu jaghmel hu li jimxi ftit 'il quddiem u jipparkja fl-ispazju bejn iz-zewg trukkijiet.

Fic-cirkostanzi l-qorti hi tal-fehma li l-appellanti naqset milli tipprova dak li allegat.

**Ghal dawn il-motivi l-qorti tichad l-appell bl-ispejjez kontra l-appellanti.**

[1] Paragrafu numru 6 tar-rikors tal-appell.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------